# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 93/2016**

Il-Pulizija

vs

**Claude Degiorgio**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 434073(M)

Illum 30 ta’ Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Claude Degiorgio quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar l-10 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tas-7.00pm u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel:

‘Gibt ruħek b'mod li kont taf jew missek kont taf li ser tagħti fastidju lil Antonia Degiorgio" u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta’.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 251A(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Claude Degiorgio ħati tal-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu għal €2,400 multa.

Inoltre ordnat l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni a favur Antonia Degiorgio ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti fissret fi kliem ċar, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Claude Degiorgio minnu ppreżentat fil-25 ta' Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla, jew, alternattivament u subordinatament għat-talba preċedenti.Tħassarha u tirrevokaha kwantu għall-akkuża fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberaħ mill-ħtija tagħha, u sussisdjarjament f'każ ta' konferma tal-ħtija bħall-Ewwel Onorabbli Qorti, tvarjaha in kwantu li tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-EWWEL AGGRAVJU

Illi fl-ewwel lok, l-appellant jeċċepixxi n-nullita tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u jagħmel referenza għar-rekwiżiti rikjesti mill-Artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9), kif ukoll għas-sentenzi tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Paul Cachia tal-25 ta' Settembru 2003, u għas-sentenza 'Il-Pulizija vs Josette Bickle' tat-2 ta' Novembru 2006, u jirrileva illi l-proċedura ndikata ma ġietx segwita.

Illi jiġi rilevat li skont l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-Liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan in-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens li l-Artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.

F'każijiet simili, dan jintitola li din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata bħal fil-każijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Zahra' (9/9/2002), Il-Pulizija vs Donald Cilia (24/4/2002) Il-Pulizija vs Stefan Abela (2/2/2006).

IT-TIENI AGGRAVJU

Illi fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju għall-ewwel aggravju, mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa pjuttost sorprendenti kif l-appellant ġie misjub ħati tar-reat imsemmi aktar 'il fuq u cioe' dak ta' fastidju stante li biex jissustixxi r-reat ta' fastidju jrid ikun hemm aġir kontinwu, persistenti u jkun hemm a course of conduct da parti tal-akkużat (ara l-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Carmelo Vella' deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar 1-14 ta' Mejju 2012) - elementi li tertament ma ġewx pruvati fil-mori tal-kawża. Dan għaliex il-parti ċivile biex tipprova targumenta li hemm element ta' fastidju, tippreżenta 3 rapporti li hi ntavolat mal-Pulizija iżda kif tammetti hi stess, wieħed mir-rapporti waqa' stante li l-akkużi kienu preskritti (u allura żgur li ma jistax jingħad li hemm xi forma ta' ħtija da parti tal-esponent anke abbażi tal-fatt li l-mertu tal-istess rapport lanqas biss instema' quddiem l-Ewwel Qorti), rapport ieħor saret obbligazzjoni reċiproka [kif ikkonfermat verbalment il-parti ċivile stess in kontro-ezami] sabiex il-partijiet ikunu ċivili ma' xulxin u l-istorja waqfet hemm u l-Qorti ma daħlitx fil-mertu tal-istess rapport u t-tielet rapport li ġie esebit għadu jrid jinstema' tant li ġie appuntat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Josette Demicoli) li ġie appuntat għat-3 ta' Marzu 2016 u li allura għadu pendenti u żgur li l-esponent ma nstabx ħati tiegħu. Dan neċessarjament ifisser allura li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha akkuża ta' fastidju abbażi ta' 3 rapporti li legalment ma setgħetx tieħu konjizzjoni tagħhom għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u fuq kollox għaliex fl-ebda wieħed minnhom ma kien hemm sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-istess esponent dwarhom. Jekk allura m'hemm ebda sejbien ta' ħtija fuq l-istess imsemmija rapporti, kif qatt setgħet l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib ħtija fl-esponent fuq fastidju meta wieħed mill-elementi neċessarji sabiex jissustixxi tali reat huwa l-element ta' aġir konsistenti, liema aġir ċertament ma ġiex ippruvat? Huwa f'dan il-kuntest li l-esponent umilment iħoss li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment żbaljata meta sabet ħtija fih abbażi ta' fastidju.

Illi jrid jingħad ukoll li l-prosekuzzjoni resqet bħala xhud lill-Spettur Baileys li stqarr li jaf b'numru ta' rapporti li saru minn Antonia Degiorgio fil-konfront tal-esponent iżda l-istess xhud la kien f'posizzjoni li jixhed dwar l-eżitu tal-istess rapporti (li lanqas ta xi forma ta' dettalji dwarhom, la ta d-dati tagħhom u wisq anqas fuq xhiex kienu) u lanqas kien f'posizzjoni li jgħid jekk kinitx ittieħdet il-verżjoni tal-esponent għall-istess rapporti. Dak li qal ix-xhud kien biss li jaf b'numru ta' rapporti u xejn aktar. Bl-akbar rispett jingħad li tali xhud fil-verita' ma seta' qatt jingħata piż mill-Ewwel Onorabbli Qorti bħala bażi tal-akkuża li kellu quddiemu l-esponent għaliex l-istess Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha ebda idea dwar x'kienu tali rapporti (li mhux neċessarjament kienu relatati ma' xi allegat fastidju - fil-verita' l-partijiet kellhom diversi udjenzi kontra xulxin abbinati ma' kwistjonijiet ta' aċċess fuq il-minuri) u fuq kollox ma kinitx f'posizzjoni li tkun taf jekk l-esponent instabx ħati minn xi Qorti jew jekk tali rapporti sarux biss għal skopijiet ta' informazzjoni u xejn aktar. Tant hu hekk li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda sentenza kontra l-esponent u li permezz tagħha setgħet b'xi mod tipprova li hemm xi forma ta' pattern fl-aġir tiegħu li jista' jammonta għal fastidju.

Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost irid jingħad ukoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali ta' Malta, anke meta kien hemm allegazzjonijiet ta' episodji u ta' aġir (kuntrarjament għal dak li fil-verita' seħħ fil-kawża odjerna għaliex dak li rriżulta kien biss kliem dispreġġattiv li ż-żewġ partijiet qalu lil xulxin b'mod reċiproku u xejn aktar), xorta waslet għal konklużjoni li per eżempju t-tfigħ ta' beaker lejn il-mara ma jammontax għal fastidju ai termini tal-Liġi u kif prospettat fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9 (minkejja li tali aġir jista' jdejjaq lill-parti ċivile). Dan qiegħed jingħad fil-kuntest tal-kawża fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Carmelo Vella’ deċiza nhar l-14 ta' Mejju 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Allura l-esponent jistaqsi, jekk għal din l-Onorabbli Qorti tal-Appell it-tfig ta' beaker ma jammontax għal fastidju, kemm kellu kliem bħal 'hamalla' aktar ma jitqiesx lli huwa fastidju kif prospettat fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta?

IT-TIELET AGGRAVJU

Illi fit-tielet lok u mingħajr pregudizzju għas-suespost jingħad li jekk se mai kellu jirriżulta xi forma ta' reat dan ċertament kellu jkun reat differenti minn dak ta' fastidju li fattwalment ġie akkużat bih l-esponent. Dan qiegħed jingħad ghaliex mill-provi rriżulta li ż-żewġ partijiet (u mhux

l-akkużat biss) użaw kliem dizprġġattiv fil-konfront ta' xulxin u dan kif jirriżulta bl-aktar mod ċar mir-rekording esebit in atti. Ċertament tali kliem ma jammontax għal fastidju f'ġurnata partikolari u aktar u aktar fil-ġranet u x-xhur ta' qabel għaliex m'hemm ebda prova relatata ma' xi inċident preċedenti, Dak li hemm huma biss rapporti li fil-verita' ma jikkostitwixxux prova konkreta. Rapport huwa sempliċiment allegazzjoni da parti ta' persuna li sabiex jiġi kkonfermat li sar verament reat, irid neċessarjarnent jiġi segwit b'sentenza mill- Qorti. Dan ċertarnent mhux il-każ fil-kawża odjerna stante li ma ġiet esebita ebda prova kontra l-esponent dwar xi sejbien ta' ħtija. Anzi l-provi juru l-kuntrarju u cioe' li f'kawża minnhom għadu innoċenti (għaliex il-kawża għadha ma nstemgħetx}, l-oħra waqgħet preskritta u konsegwentement ma jistax jingħad li l-Qorti kienet ser issib xi ħtija fl-esponent filwaqt li fit-tielet rapport li ġie preżentat saret obbligazzjoni reċiproka kif tikkonferma l-parti ċivile stess in kontro-ezami.wieħed neċessarjament jistaqsi allura, f'kuntest fejn m'hemm ebda rapport li wassal għal xi forma ta' ħtija fil-konfront tal-esponent u f'kuntest fejn l-akkuża abbinata mal-10 ta' Settembru 2015 hija relatata ma' fastidju, abbażi ta' xhiex l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet ħtija fuq akkuża ta' fastidju? Fejn hu l-aġir persistenti, kontinwu u repetut da parti tal-esponent? Forsi għaliex saret referenza vaga tar-rapporti li ġew intavolati minn Antonia Degiorgio? Forsi għaliex Antonia Degiorgio tkun pronta li tagħmel rapport għal kull ħaġa sempliċi għaliex ilha għaddejja tittenta tipprovoka lill-esponent bit-tama li xi darba jaqa' għat-tentazzjoni tagħha u jitlef it-tempra? Iżda tali rapporti, kif diga' ingħad aktar 'il fuq, m'humiex prova ta' xi aġir da parti tal-esponent - fl-aħjar ipoteżi għall-parti ċivile u għall-prosekuzzjoni li tali rapporti juru kemm Antonia Degiorgio tiddeletta bir-rapporti mal-Pulizija u kemm tħobb tkun ġejja u sejra l-għassa għal xejn b'xejn.

IR-RABA' AGGRAVJU

Illi fir-raba' lok u mingħajr pregudizzju għas-suespost jiġi rilevat li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment żbaljata meta warrbet għall-kollox l-argument miġjub mid-difiza relatat mar-res judicata kwantu għal żewg rapporti li ġew esebiti in atti u cioe' dak ir-rapport li wassal sabiex il-kawża tiġi dikjarata preskritta (tant li l-parti ċivile stess preżentat kopja tal-istess rapport u bil-lapes kitbet il-kelma 'preskritta' fuqha) u r-rapport l-ieħor li dwaru saret obbligazzjoni reċiproka in atti (li l-parti ċivile stess preżentat kopja tal-istess rapport u bil-lapes kitbet il-kelma 'obbligazzjoni'). Bl-akbar rispett jiġi rilevat li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tieħu konjizzjoni ta' tali rapporti biex

imbagħad tistrieħ fuqhom għall-akkuża odjerna u dan stante li l-mertu tal-istess imsemmija rapporti diga' ġie eżawrit. Kif qatt jistgħu 2 rapporti li l-proċeduri tagħhom ġew mitmuma u huma dikjarati bħala res judicata jkunu l-bażi ta' akkuża ġdida? Jekk il-mertu tal-istess rapporti ġie ezawrit, allura l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tistrieħ fuq I-istess rapporti biex issib ħtija fl-esponent għaliex dan ifisser li l-istess esponent ikun tressaq fuq l-istess fatt, l-istess Ċirkustanzi u 1- istess aġir darbtejn - ħaġa li legalment m'hijiex possibbli u dan abbażi tal-prinċipju tar-res judicata. Bl-istess argument tal-prosekuzzjoni u l-parti civile, allura l-istess rapport li l-mertu tiegħu ikun diga' ġie eżawrit, jista' jerga' jingħata l-ħajja għal xi forma ta' reat ieħor iżda ċertament dan qatt ma kien l-ispirtu tal-leġislatur u konsegwentement l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tistrieħ fuq l-istess rapporti biex tasal għal sejbien ta' ħtija ta' fastidju. F'dan l-istadju l-esponent jagħmel referenza għal ġurisprudenza applikabbli għall-prinċipju ta' res judicata fosthom il-kawża fl-ismijiet ‘Charles Cortis vs Francis X. Aquilina’ deċiza nhar il-25 ta' Settembru 2003 fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sostniet li:

‘Hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif wkoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi Omnia concurrunt, alia res est) ... "

Illi għalhekk biex l-eċċezzjoni ta' res judicata tkun tista' tintlaqa' jinkorri li jiġi pruvat li t-tliet elementi msemmija fil-kawża hawn fuq ċitata huma preżenti fil-kawża odjerna. Jiġi rilevat li dwar il-partijiet m'hemm ebda dubju stante li dawn huma l-istess partijiet kif jirriżulta mid-dettalji personali tagħhom u mill-karti tal-identita' rispettivi tagħhom (fost dettalji oħrajn). M'hemm ebda dubju li l-mertu kemm tal-kawża odjerna u kemm dak ċitat fiż-żewġ rapporti u esebiti in atti huwa l-istess stante li hemm anke konferma da parti tal-parti ċivile li dawn huma l-istess rapporti li l-mertu tagħhom ġie ezawrit imma xorta qed tipprova tuża l-istess rapporti bħala bażi għall-kawża odjerna u lanqas m'hemm ebda dubju li wieħed qed jitkellem fuq l-istess oġġett stante li l-oġġett joħroġ mill-qari tal-istess rapporti (li ġew esebiti) u konsegwentement ma jistgħux jerġgħu

jingħataw il-ħajja taħt kappa allegatament differenti bit-tama li l-esponent jerġa' jgħaddi minn proċeduri oħra abbażi tal-istess allegat inċident mal-istess persuna fl-istess ċirkustanzi.

IL-ĦAMES AGGRAVJU

Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, anke f'każ li din l-Onorabbli Qorti kellha tasal għall-istess konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti {għalkemm l-esponent jisħaq li dan ċertament m'għandux ikun}, żgur li l-istess Onorabbli Qorti, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kellha tasal għall-konklużjoni li l-lmġieba tal-esponent kienet waħda raġonevoli fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ u dan abbażi tal-Artikolu 251A (3) (c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi effettivament, għandu jiġi rilevat li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx diversi fatturi determinanti li għandhom jiġu kkunsidrati preċedentement għall-ippronunzjar tas-sentenza u li fuq kollox kellhom iwasslu lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tkun ferm aktar klementi miegħu, u dan partikolarment minħabba l-fatt li l-inċident li wassal għall-każ odjern kien instigat prinċipalment mill-parti ċivile Antonia Degiorgio u li l-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali u sfortunatament l-istess partijiet huma 'l boghod minn xi forma ta' ftehim bejniethom tant li kull aspett taż-żwieġ tagħhom qed jiġi regolat permezz ta' digriet mill-Qorti tal-Familja għaliex ma jirnexxilhomx jilħqu kompromess fuq xejn. Dan qiegħed jingħad anke bħala bażi u background għall-akkuża in kwistjoni u biex tali akkuża titpoġġa fil-kuntest partikolari tal-partijiet.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet ‘Il-Pulizja vs Carmen Buttler’, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar, tas-sena 2009, il-Qorti ta' Appell iddikjarat li rn'għandhiex tiddisturba l-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jiġix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew ċirkostanza partikolari tal-każ, bħal fil-każ in dezarnina. Dan qiegħed jingħad ghaliex donnu li l-Ewwel Onorabbli Qorti warrbet għall-kollox l-aspett uman fis-sens li l-partijiet bejniethom hemm wild u li tali wild sfortunatement huwa r-raġuni tad-dizgwit bejniethom kif wara kollox huwa ampjament ippruvat

mir-recording esebit in atti u li fuq kollox huwa prova tal-veru ċirkustanzi li wasslu għall-kawża odjerna. Kienu kliem bħal 'ġerrejja' u 'ħamalla' da parti tal-esponent u kliem bħal 'taqa' għan-n**k' u 'giddieb' da parti tal-parti ċivile li wasslu għall-kawża odjerna iżda allura għaliex l-esponent uża tali linwaġġ (f'xenarju fejn ilu jiġi provokat mill-parti ċivile għal snin twal) għandu jiġi misjub ħati ta' fastidju bir-riżultat li jingħata piena daqstant ħarxa? Huwa raġonevoli li raġel li qiegħed jiġi persistentement instigat u provokat li juża lingwaġġ li forsi mhux xieraq iżda tali hija reazzjoni umana u ragonevoli f'cirkustanzi fejn l-istess parti civile kienet qed tikkontribwixxi għal ostilita' u tuża kliem baxx u dispreggattiv fil-konfront tal-esponent.

X'inhi r-raġuni għala l-Ewwel Onorabbli Qorti warrbet kompletament il-kliem li qalet il-parti ċivile u straħet biss fuq il-kliem li tenna l-akkużat u li tagħthom daqshekk piż biex jimmeritaw piena daqshekk ħarxa abbażi ta' allegat fastidju? L-esponent mhux qiegħed jgħid li tali kliem ma ntqalx (tant hu hekk li kien hu stess li preżenta r-recording in kwistjoni) Iżda li se mai tali kliem ma jammontax għal fastidju (kif wara kollox diga' ġie argumentat aktar 'il fuq) u li fuq kollox żgur li ma jimmeritax ħtija stante li anke mix-xhieda u d-deposizzjoni tal-istess akkużat (hekk kif ikkorraborata mir-rekording esebit) kien ġustifikat li jireagixxi b'dak il-mod meta l-parti ċivile tagħmel minn kollox biex tipprovokah u tuża lil binhom bħala arma kontrih kif ilha tipprova tagħmel sa' minn mindu l-partijiet isseparaw de facto. Fl-umli opinjoni tal-esponent kellu jirriżulta lill-Ewwel Onorabbli Qorti li fiċ-ċirkustanzi partikolari (fejn il-parti ċivile kienet qed tgħajjru 'giddieb' u tkellmu bi kliem baxx fil-prezenza tal-minuri Miguel Degiorgio kif inhu kkorrabborat mir-recording) l-imġieba tiegħu kienet waħda ragonevoli (u dan ai termini tal-Artikolu 251A (3) (c)) u konsegwentement kellu jiġi liberat mill-akkuża miġjuba kontrih anke abbażi tal-fatt li l-inċident mertu tal-kawża ma kien xejn ħlief dizgwit bejn koppja li tkun għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni u bl-ebda mod ma jista' qatt jiġi interpretat li jaqa' taħt l-Artikolu 251 tal-Kap. 9. Dan qiegħed jingħad anke abbażi tal-fatt li l-kondotta tal-appellant hija waħda nadifa u ma kien hemm ebda element ta' ripetizzjoni u persistenza (ara l-kawża fl-ismijet Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali deċiza nhar 1-24 ta' Jannar 2011 fejn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta waslet għall-istess konkluzjoni u għamlet l-istess osservazzjonijiet li qed isiru mill-esponent fil-każ odjern).

Fuq kollox irid jingħad ukoll li l-imposizzjoni ta' ordni ta' protezzjoni hija wkoll ħarxa iżżejjed u fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ m'hu ser ikollha ebda aspett pozittiv fuq il-partijiet stante li dawn bilfors iridu jikkomunikaw ma' xulxin fuq il-minuri Miguel Degiorgio u bilfors irid ikun hemm kuntatt bejniethom stante li l-istess minuri għadu zgħir wisq biex isir kuntatt dirett mal-istess minuri ad esklużjoni tal-ġenitur l-ieħor.

Wara kollox, anke mill-aggravji msemmija aktar 'il fuq għandu jirriżulta lil din 1-Onorabbli Qorti li l-ordni ta' protezzjoni hija mhux biss inġusta fuq l-esponent iżda wkoll esaġerata fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ speċjalment in vista tal-fatt li ma kien hemm ebda fastidju (għaliex dan kien sempliċi inċident fuq il-kwistjoni tal-pjanu tal-minuri u xejn aktar iżda li ġie amplifikat u blown out of proportion mill-parti ċivile). Barra minn hekk, tali ordni ta' protezzjoni ser isservi biss biex il-pressjoni bejn il-partijiet tkompli teskala għaliex issa l-esponent ser jispiċċa f'sitwazzjoni fejn ma jistax jesprimi ruħu fuq kif qed isiru ċertu affarijiet fuq il-minuri għaliex il-parti ċivile Antonia Degiorgio tmur tiġri l-għassa u tagħmel rapport għal kull ħaġa ta' xejn.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xhieda li tirriżulta mill-proċess.

Skont l-affidavit ta’ PC312 Joseph Sultana, fil-11 ta’ Settembru, 2015 kienet marret fl-għassa tal-Qawra ċerta Antonia Degiorgio (ID 376178M) li stqarret li fil-jum ta’ qabel għall-ħabta tas-19.00 hija kienet marret tiġbor it-tifel tagħha Miguel minn għand missieru li joqgħod Brilyton Court Triq Schinas Pieta’.  Claude Degiorgio (ID 434073 M) kien insulentaha. Claude Degiorgio u t-tifel kienu niżlu għaxar minuti tard u Claude kompla jaħli l-ħin billi żamm lit-tifel bil-kiem fuq il-

bankina. Hija sejħet lit-tifel biex jidħol fil-karozza ħalli jmur għal-lezzjoni tal-pjanu. Claude beda jitkaża u jiskoraġixxi lit-tifel. Claude qalilha li kieku hi ma tħallix lit-tifel għand ommha biex tmur tiġġerra kieku hu jilħaq jieħu t-tifel. Hija qaltlu 'giddieb' u lilha għajjarha 'ħamalla u ġerrejja' u qal ukoll 'Araw il-ġurnalista tal-PBS kemm hi ħamalla'. Hija stqarret li kien hemm diversi rapporti (b'kollox 12) kontra Claude Degiorgio u dawn saru bejn is-sena 2012 u s-sena 2015. Hija qalet li kienet ilha għal dawn l-aħħar erba' snin tbati minn inkejja, insulti, vjolenza psikoloġika u anki kultant fiżika minn Claude.

Skont affidavit ieħor (paġina 4), din id-darba minn PS 356 J.Vella, il-Pulizija kienet bagħtet għal Claude Degiorgio wara r-rapport kienet irċeviet mill-Ghassa tal-Qawra. Claude Degiorgio qal li Antonia Degiorgio bdiet tħaffef lit-tifel li ma riedx imur għal-lezzjonijiet tal-pjanu. Antonia bdiet tgħajjat meta huwa qalilha li tmur tiġġerra . Huwa qalilha biex tmur 'l hemm u ma tkunx ħamalla għax mhux l-ewwel darba li kienet tibda tgħajjat quddiem id-dar tiegħu.

A fol 27 sa 37 jidhru erba' rapporti magħmulin minn Antonia Degiorgio. (a) Dak tad-9 ta' Settembru 2015 huwa dwar tgħajjir min-naħa ta' Claude Degiorgio (ara fol.28). (b) Dak tal-ewwel ta' Ġunju (fol.29) huwa dwar rifjut ta' flus da parti ta' Claude Degiorgio li Antonia Degiorgio offrietlu. Kien imbuttaha lura minn sidirha. Hija ma kellha ebda ġrieħi.(ċ) Fir-rapport tat-22 t'Ottubru 2014, jidher li Antonia Degiorgio bdiet tibża' meta żewġha beda jgħolli leħnu wara li talab spjegazzjoni fuq xi rċevuta. Huwa sabbat il-bieba tal-karozza tagħha. Claude Degiorgio spjega li kellu dubju dwar riċevuta minnhom u kienet Antonia Degiorgio li bdiet tgħolli leħinha. Huwa nnega li għolla leħnu u li sabbat il-bieba tal-karozza. (d) Rapport ieħor iġib id-data tat-30 ta' Lulju 2014 fejn, skont Antonia Degiorgio, Claude beda jgħolli leħnu u jgħidilha li mhix tieħu ħsieb tat-tifel.

Mix-xhieda rriżulta dan li ġej:

L-ex-supretendent Bayliss xehed li Antonia (Micallef) ġieli kienet tagħmel xi rapporti. Darba minnhom kien bagħat għalih is-sur Raymond Zammit (dak iż-żmien kien għadu assistent kummissarju) fl-għassa ta' Tas-Sliema fejn kien hemm is-sinjura Antonia Micallef li kienet qed tagħmel rapport kontra żewġha (fol.64). Bejn l-2014 u l-2016 hija kienet tirraporta dwar harassment u fastidju u li r-raġel kien idejjaqha. Kien ħareġ ukoll xi akkużi kontra s-sur Degiorgio. Is-sinjura kienet tidher stressjata. Fil-kotro-eżami huwa qal li kien hemm rapporti

reċiproċi għalkemm huwa personalment qatt ma kien irċieva rapporti minn għand l-imputat (fol 66). Huwa ma kienx jaf li Antonia Degiorgio kienet instabet ħatja 'fil-konfront ta' Claude Degiorgio.' (fol 68).

Xehdet ukoll Antonia Degiorgio li qalet li fl-10 ta' Settembru 2015 f'mument minnhom hija kienet sejħet lit-tifel għax kien sar il-ħin għal-lezzjoni waqt li missieru kien baqa' jkellmu. L-appellant kien qalilha illi kieku hija ma toqgħodx tħalli t-tifel m'ommha biex toqgħod tiġġerra kieku jlaħħaq it-tifel. Huwa wieġeb li hija ħamalla u dejjem tiġġerra. 'Il-ġurnalista tal-PBS hija ħamalla u tħobb tiġġerra'. Beda jgħolli leħnu. Dan ma kenitx l-ewwel darba li joqgħod jgħajjarha b'dawn il-kliem jew bi kliem ieħor bħal 'Ipokrita u maħmuġa.' (Ara fol 74). Għamel ħabta dejjem jaqla' l-inkwiet fuq l-irċevuti. Hija semmiet ukoll l-inċident li ġara s-Sirens meta kien qalilha li ma tafx tieħu ħsieb it-tifel. Beda jgħajjat u jumejn wara spiċċat b'għajnejn daqshiex għax telgħulha ċ-ċesti minħabba l-istress. Kull darba kienet tagħmel rapport. Xehdet dwar meta ratu jieħu filmat tal-karozza qabel kellu jsiefer bit-tifel. L-inċident l-ieħor kien dwar il-ħlas ta' spejjeż edukattivi, imsemmi aktar 'il fuq. Kien imbuttah u kien hemm tisbit mal-karozza. (fol.79). Hija kienet kitbet lill-Assistent Kummissarju biex jittieħdu passi għax kien hemm rapporti li jmorru lura sas-sena 2009.

Fil-kontro-eżami irriżulta li l-eżitu ta' wieħed mir-rapporti kien għadu pendenti (fol 83). Ix-xhud qablet ukoll dwar li wieħed minnhom kien hemm obbligazzjoni reċiproka. L-Avukat Difensur irreferiet għal recording li fih ix-xhud kienet tinstema' tgħid kliem li mhux dehen li jkun irrepetut fl-awla. Hija qalet li ma tiftakrax li qalet dak iċ-ċertu diskors. Iżda ftakret li kienet qaltlu 'giddieb' għax mhux tassew li kienet tħalli t-tifel m'ommha biex toħroġ tiġġerra. Żiedet itrrispondi li jekk każ kienx preskritt mhux tort tagħha.

Wara mistoqsija tal-Qorti jekk l-affarijiet kinux għadhom l-istess, ix-xhud qalet li 'Mhux daqs kemm kienu.' (fol.87).

Xehed ukoll l-appellant Claude Degiorgio (fol 89 -107). Huwa qal li f'dak il-jum it-tifel kien ilu jum sħiħ miegħu u kien għajjien. It-tifel ma kellux aptit imur għall-pjanu dak il-ħin u hi kienet qaltlu li jmissu ħadu hu. Hu qalilha li jmissha ħaditu fil-ġranet meta kienet miegħu hi flok marret tiġġerra. Hawn l-appellant spjega li l-kelma tiġġerra kienet tfisser biss li hi marret x'imkien ieħor. (Ara l-ispjegazzjoni fuq is-CD ippreżentat mid-difiża. Kienet ukoll qalet kliem oxxen fuq missieru. Ir-recording jgħid li lit-tifel qaltlu 'Come' u ma riedx imur u beda jibki. Imbagħad intqal

il-kliem li diġa' kien hemm referenza għalih (fol.93). Kien hemm inċident ieħor fejn daħlet ittih fil-karozza (fol94). Tgħajjir kontinwu. Dwar il-każ tas-Sirens, Antonia Micallef kienet qed tieħu kafe' waqt li t-tifel ma kellux goggles minħabba l-chlorine. Hu qalilha biex tagħti kasu. Hi weġbitu biex ma jindaħalx u li huwa ndannat. Lit-tifel tgħidlu li l-appellant mhux parti mill-familja.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li kien għajjarha 'ħamalla' u 'ġurnalista ħamalla tal-PBS.' Huwa qabel li dan ma kienx l-ewwel konfront min-naħa tiegħu. Huwa ċaħad li kien imbuttaha u li anzi kienet imbuttatu hi (fol 100). Huwa ċaħad li kull darba li jkollu jagħti lil ibnu lura jkun hemm dawn l-inċidenti. Huwa qal ukoll li ħafna minnha kienu rapporti għal xejn b'xejn għax lanqas il-Pulizija ma ċemplulu. Huwa qal li kien għamel rapporti dwar meta mbuttatu hi. (fol 103). Huwa kien jirrekordja dak li jkun qed jiġri għax l-istorja kienet iddur meta titla' l-Qorti (fol 104). Huwa ma kienx jirrekordjaha biex jipprovokaha.

Il-Prosekuzzjoni qalet li kienet semgħet ir-recording li kien ippreżentat u mir-recording jidher li kien l-appellant li beda l-argument meta qal lil Antonia Micallef 'organize yourself'. U imbagad bdiet il-litanija. L-appellant wieġeb li hu kien beda l-argument għax ried jitkellem għal ibnu.

Fit-trattazzjoni l-avukat difensur insista li kienet qed tistrieħ fuq l-aggravji kif redatti kif ukoll li t-tliet każi msemmija, wieħed għad irid jinstema', l-ieħor huwa preskritt u fit-tielet wieħed kien hemm obbligazzjonijiet reċiproċi. (Fil-proċess jidhru miktuba bil-lapes: recording- 'ma tressaqx' fol.27; ħebb - preskritt fol.29; tisbit mal-karozza obbligazzjoni (reċiproka) fol.32; inċident tas-sirens; ma tressaqx (fol.35).

Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni li ssottomettiet m'hemm ebda nullita' fis-sentenza għax għandha r-rekwiżiti kollha li trid il-liġi. It-tieni biex ikun hemm 'course of conduct;' mhux bilfors li jkun hemm convictions. Hawn il-Prosekuzzjoni rreferiet għall-elementi tal-artikolu 251A u li qalet *course of conduct* kien hemm. Hija ssottomettiet li mir-recording jirriżulta li kien l-appellant li beda l-battibekk.

Fit-tweġiba tagħha l-Avukat Difensur għamlet referenza għall-prinċipju tan-ne bis in idem. Barra dan li mhux kull rapport li jasal għand il-Pulizija huwa prova ta' ħtija.

Ikkunsidrat

L-ewwelnett għal dak li huwa apprezzament ta' fatt, din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din setgħet legalment u raġjonevoment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

'Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk izda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94]; "ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "[14.2.1989]; "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991] ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u oħrajn .

"Illi din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice fil-kawza "R. v. Cooper' (1969) 1QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :- "assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll Blackstone's Criminal Practice p. 1392)

It-tieni, il-Qorti tal-Appell Kriminali daħlet fl-elementi tal-artikolu 251 A tal-Kap 9 diversi drabi fosthom fil-każ deċiż fis-27 ta' Frar 2009 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Massimo Tivisini'. 'F'dak il-każ kien intqal hekk:

'It-terminu legali fastidju (bl-Ingliż 'harassment') ġie definit mill-Black's Law Dictionary (7th edition) bħala:-

‘Words, conduct or action (usually repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.

Dan l-element ta’ ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi ikkonsidrat ‘in isolation’ b’referenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bilfors jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ '‘Il-Pulizija vs Omissis’ (21 ta’ Ġunju 2007):

‘f’każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta’ fastidju fuq perjodu ta’ żmien.’

L-Artikolu 251A (b) jgħid hekk:

‘ (*b) iġġib ruħha b’mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju għal dik il-persuna;’*

Qabel l-emendi tal-Att XIII tas-sena 2018 l-artikolu 251(A) kien jidher kif ġej:

‘251A. (1) Persuna li ġġib ruħha:
(a) b’mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u
(b) b’mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju għal dik il-persuna, tkun ħatja ta’ reat taħt dan l-artikolu.
(2) Għall-fini ta’ dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b’mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta’ persuna oħra jekk fil-qjies ta’ persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b’reat taħt dan l-artikolu tista’ ġġib prova li:

(a) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

(b) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew
(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.

Illum l-ewwel paragrafu għandu aktar sub-paragrafi waqt li sar bdil fil-piena. Fil-verżjoni Ingliża l-ewwel kliem tal-artikolu in kwistjoni huwa : '*A person who pursues a course of conduct'*.

Dan il-kliem ma jħalli ebda dubju li l-***course of conduct*** huwa wieħed mill-elementi f'dan ir-reat.

Mill-proċess jirriżulta li l-kliem taċ-ċitazzjoni kien inbidel b'awtorizzazzjoni tal-Qorti u daħlu l-kliem ' u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel . Baqgħu hemm il-kliem fl-10 ta' Settembru,2015 u l-kliem Pieta'.

Għalhekk l-imputazzjoni hija marbuta biż-żmien u l-post (Pieta') kif indikat.

Li kieku l-Qorti kellha tagħmel riassunt tal-'provi' li jinsabu fil-proċess issib dak li ġara fil-Pieta fl-10 ta' Settembru 2015 bis-CD wkoll. L-appellant uża kliem bħal 'ħamalla', hawn hi l-ġurnalista tal-PBS u 'get organized'. Qalilha wkoll ġerrejja u spjega din il-kelma fis-CD wkoll mhux fis-sens dispreġġjattiv tagħha iżda sempliċiment li tħalli t-tifel għand ommha. Huwa għajjarha ħamalla għaliex mhux l-ewwel darba li kienet tagħmel hekk. L-allegata vittma qalet li kienet ilha erba' snin tbati inkejja, insulti, u vjolenza psikoloġika imma ma semmietx dati u postijiet u x'ġara eżatt f'dawn id-dati.

Ir-rapport dwar l-inċident tas-17 t'Awwissu, 2015 huwa ffokat fuq dak li ġara tal-Pieta' meta l-appellant beda jirrikordja lill-allegata vittma. Skont ir-rapport, l-appellant ipprovoka lill-vittma, għajjarha u pprova jaqbad ġlieda magħha iżda hija injoratu. Fir-rapport reġgħet l-allegata vittma semmiet li dan l-aġir kien ilu sejjer erba' snin. L-appellant kien resaq lejha u b'saħħa imbuttaha lura minn sidirha. Skont ir-rapport (fol 30) ma kellha ebda ġrieħi. L-appellant ma tressaqx.

Fir-rapport tat-30 ta' Mejju 2015 l-allegata vittma tirraporta li fis-17 ta' Mejju 2015 (ara fol 78) l-appellant kien resaq lejha u b'saħħa imbuttaha lura minn sidirha. Skont ir-rapport (fol 30) ma kellha ebda ġrieħi. Il-każ kien preskritt.

Ir-rapport dwar l-inċident li sar fid-19 t'Ottubru 2014 kien ukoll dwar riċevuta. L-allegata vittma qalet li żewġha kien beda jgħolli leħnu u beżgħet li ser jagħmlilha xi ħaġa. Huwa kien sabbat il-bieba tal-vettura tagħha. Il-verżjoni tal-appellant kienet li hu kien talab spjegazzjoni dwar riċevuta, innega li għolla leħnu u li kienet l-allegata vittma li għolliet leħinha, sabbtet il-bieba u telqet. Ħarġet taħrika kull wieħed u l-każ spiċċa b'obbligazzjoni reċiproka.

L-aħħar rapport huwa dwar x'ġara ħdejn is-Sirens Pitch fid-29 ta' Lulju 2014. Jidher li l-allegata vittma rat lill-appellant jirrekordjha. Huwa qalilha wkoll li ma kenitx qed tieħu ħsieb it-tifel meta t-tifel dak il-ħin kien taħt is-superviżjoni tal-coach tal-għawm u mhux taħt is-superviżjoni tagħha.

Dwar dan l-aħħar rapport il-Qorti tinnota li l-każ ma seħħx f'tal-Pieta' kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Il-korrezzjoni li saret ma żiedet ebda isem ta' post ieħor. Barra dan, tkopri mill-10 ta' Settembru 2015 'u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel'. Issa dan il-każ ma seħħx ġranet jew xhur qabel iżda aktar minn sena qabel.

Mix-xhieda tal-ex-supretendent Bayliss jirriżulta li kien hemm rapporti dwar harassment u li kien idejjaq lill-allegata vittma. Dawn kienu bejn s-sena 2014 u s-sena 2016. L-allegata vittma kienet tkun stressjata. Kien hemm rapporti reċiproċi u rapporti da parti tal-appellant.

Mix-xhieda diretta tal-allegata vittma hemm referenza għal dak li sar fl-10 ta' Settembru, 2015 qabel il-lezzjoni tal-pjanu b'mod speċjali għall-kliem 'Ara kemm hi ħamalla, dejjem tiġġerra, araw il-ġurnalista tal-PBS, kemm hi ħamalla u tiġġerra. U 'get organized'' (Ara wkoll ir-recording ippreżentat mid-difiża fil-Qorti tal-Maġistrati). Qalet ukoll li kien hemm drabi oħra fejn għajjarha 'Ipokrita u maħmuġa' (fol 74) iżda ma semmitx dati u postijiet. Xehdet ukoll dwar l-inċident tas-Sirens fejn l-appelalnt qaliha li jmissha kienet ħdejn it-tifel u mhux tparla. Hu qalilha 'Int ma tafx tieħu ħsieb it-tifel.' Hija nkisret għax kien hemm ħafna nies. U wara telgħulha żewġ ċesti f'għajnejha u dan għax tkun stressjata.

Fuq il-każ tal-irċevuti hija qalet li l-appellant kien ħabbat u sabbat mal-karozza fuq in-naħa tal-passiġġier. (fol 29). Fil-kontro-eżami l-avukata difensura nsistiet li kien hemm rapport pendenti li kellu x'jaqsam ma' allegazzjoni ta' ksur tal-bieb tal-mama' tal-allegata vittma waqt li l-allegata vittma qablet li fuq każ minnhom kien hemm obbligazzjoni reċiproka. L-avukata difensura fakkirtha li fir-recording instemgħet tgħid ċerti kliem ukoll.

Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar kif kienu sejrin l-affarijiet fil-preżent l-allegata vittma wieġeb 'Mhux daqs kemm kienet għall-erwieħ...at least, mhux verbalment u mhux bit-tisbit tal-karozzi. (fol.87).

L-appellant spjega x'ridt ifisser bil-kelma 'tiġġerra' (fol 93), irrefera għall-fatti oħra bħal tgħajjir fuq missieru u xehed ukoll li l-Pulizija qatt ma kienu jċemplulu fuq il-ħafna rapporti li saru. A fol.94 huwa qal li darba l-allegata vittma kienet qabdet ittih. Iddeskriva wkoll x'kien ġara dak in-nhar tas-swimming session fis-Sirens. Fuq l-inċident tar-recording l-appellant ċaħad li kien għamel hekk (fol 99).

L-aggravji tal-appellant.

**L-Ewwel Aggravju.**

Fl-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li s-sentenza hija nulla għaliex mhix konformi mal-Artikolu 382 tal-Kap 9. Dan l-artikolu jitlob: (i) il-fatti li tagħhom l-imputat ikun instab ħati; (ii) il-piena; u (ċ) l-artikolu li joħloq l-offiża. L-appellant ma indikax liema element huwa nieqes.

Il-Qorti eżaminat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati biex tara fihiex dawn it-tliet elementi. Huwa biżżejjed li l-fatti jkunu dawk indikati fiċ-ċitazzjoni. Dawn jidhru propju fil-bidu: 'Talli fl-10 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tas-7.00 pm u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, fil-Pieta'

(1) 'Ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li ser jagħti fastidju lil Antonia Degiorgio'.

Ma hemm ebda imputazzjoni oħra fiċ-ċitazzjoni u għalhekk m'hemm ebda dubju dwar għal-liema fatti l-Qorti kienet qed tirreferi.

Kemm il-piena kif ukoll l-artikolu tal-Liġi huma indikati u għalhekk it-tliet elementi rikjesti mil-liġi huma kollha inklużi.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

**Ir-raba' aggravju.**

F'dan il-mument il-Qorti ser tħalli t-tieni u t-tielet aggravju għal aktar 'il quddiem u ser tgħaddi għar-raba' aggravju. Dan l-aggravju huwa dwar dak li l-appellant isejjaħ 'res judicata' fl-appell waqt li jgħid li huwa 'ne bis in idem' fit-trattazzjoni. Fil-fatt fil-Liġi Kriminali l-frażi addattata hija 'ne bis in idem'. Id-difiża għamlet enfasi fuq il-punt li każ minnhom kien preskritt u ieħor spiċċa f'obbligazzjoni reċiproka waqt li, fiż-żmien li kien qed jinstema' l-każ, każ ieħor kien għadu jrid jibda jinstema'. Huwa tassew li wieħed irid iżomm f'moħħu l-insenjamenti tal-Qrati tagħna dwar id-duttrina tan-ne bis in idem'. Biżżejjed wieħed jifli l-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-4 ta' Ġunju 2018 dwar rikors li tqajjem propju fuq dan il-punt. ( Il-Pulizija v Nicolai Magrin) (Ara wkoll artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali)

Iżda fil-każ ta' llum l-appellant mhux qed jgħaddi ġudizzju darbtejn dwar l-istess każ – dak tal-10 ta' Settembru 2015. Taħt l-artikolu 251A tal-Kap 9, l-element ta' 'course of action' irid ikun stabbilit sabiex wieħed jara jissusistix il-fastidju li dwaru huwa r-reat u b'mod partikolari kienx hemm repitizzjoni tal-fastidju qabel dak li jidher fl-imputazzjoni. Iżda għal dik il-parti tal-imputazzjoni li żdiedet jirriżulta li:

(a) Il-fatti li seħħew ħdejn is-Sirens ma jaqgħux fil-parametri taż-żmien u l-post kif indikati fiċ-ċitazzjoni odjerna.

(b) Il-fatti l-oħra, għajr dawk tal-10 ta' Settembru, 2015, jew diġa' ġew ġudikati (kif jirriżulta mix-xhieda tal-allegata vittma fil-kontro-eżami), jew kien preskritt jew inkella fiż-żmien li kien qed jinstema' l-każ wieħed minnhom kien ser jinstema' minn Qorti oħra. Din il-Qorti mhix qed tippronunzja ruħha fuq il-każ li kien għadu qed jinstema'.

(c) Fatti oħrajn li nstemgħet ix-xhieda dwarhom – bħal,' dawn l-affarijiet ilhom sejrin għal erba' snin' - huma ġeneriċi ħafna bl-ebda fatti speċifiċi addebitati, la ismijiet tal-postijiet fejn seħħu u lanqas dati preċiżi. Għalhekk neqsin minn element bażilari fi proċeduri kriminali.

Għalhekk ir-raba' aggravju qed jintlaqa' biss in parte – jiġifieri għal dawk il-każi li diġa' nstemgħu minn Qorti oħra (ara l-parti taċ-ċitazzjoni 'u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel u l-post indikat bħala l-Pieta') imma mhux jintlaqa' bħala eċċezzjoni ġenerali tan-ne bis idem għal meta l-Qorti qed teżamina 'a course of action' fejn Qorti tista' tieħu kollox in konsiderazzjoni bla ma tikkundanna jew tillibera mill-ġdid għall-istess fatt jew offiża.

**It-tieni, It-tielet u l-ħames aggravju.**

Fit-tieni aggravju l-appellant jgħid li ma kienx ippruvat 'a course of conduct'. Fid-dawl ta' dak li ntqal dwar ir-raba' aggravju, il-Qorti ftit għandha x'iżżid ħlief li tgħid li għall-fini tal-proċeduri kriminali jinħtieġ l-eżatezza u mhux il-ġeneralita'. Barra dan, f'dan l-ewwel sub-paragrafu tal-artikolu 251A il-'course of conduct' huwa element **sine qua non**. Għadu jidher bħala element bl-emendi li saru bl-Att XIII tas-sena 2018. Għalhekk il-Prosekuzzjoni trid iġġib il-prova tal- **course of conduct.**

Il-Qorti eżaminat il-kliem li ntqal fl-10 ta' Settembru 2015 fosthom 'ħamalla' u 'tiġġerra' (bl-ispjegazzjoni li ta l-appellant) u 'get organised'. Dwar il-kelma 'tiġġerra' l-appellant instema' jispjegaha mhux biss meta xehed fil-Qorti iżda wkoll fuq is-CD. Dan huwa recording li ttieħed minnu waqt l-inċident u ppreżentah hu stess, Barra minn dan, fl-istess kuntest, l-allegata vittma użat il-kliem 'giddieb' u espressjoni oħra. Fil-fehma tal-Qorti dan il-kliem użat 'ħamalla', 'get organised' u 'tiġġerra' (speċjalment kif spjegata) ma jistax jitqies li jammonta għall-fastidju għax

aktar għandu minn tilwima.  Hemm differenża bejn dikjarazzjoni ta' responsabilita' f'Qorti tal-Familja u sejbien ta' ħtija fi proċeduri kriminali.

Il-Qorti xorta eżaminat dak li sar qabel (u li għalih  hemm referenza ampja fis-sommarji mogħtija aktar 'il fuq) bħal, per eżempju, t-tisbit fuq il-karozza jew l-allegazzjoni li l-allegata vittma kienet imbuttata.  Dawn huma allegazzjonijiet li donnhom aktar jirriflettu tilwim kontinwu fuq it-tifel (kif jidher mix-xhieda tal-eks-supretendent Bayliss dwar ir-rapporti li saru u la kinux ippreżentati fil-Qorti) milli fastidju. Lanqas ir-referenza għall-istress ma hija prova li tissodisfa l-prinċipju li l-grad tal-prova fi proċduri kriminali għandu jkun 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni'. Dan għaliex ir-referenza għall-istress hija ġenerali bla ma  jissemmew dati, postijiet u ċirkostanzi partikolari. Il-proċess kriminali jitlob eżatezza minħabba l-grad ta' prova li jesiġi u għalhekk dawn id-dettalji huma indispensabbli.  L-istess qed jingħad dwar il-każi l-oħrajn dwar ir-riċevuti .  Dawn ukoll jammontaw għal tilwim aktar milli każi ta' fastidju. Għalhekk il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-course of conduct kif jitlob l-artikolu 251A tal-Kap 9. Isegwi għalhekk li  allura ma tistax tissusisti l-imputazzjoni kif dedotta.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju.

It-**tielet aggravju** huwa identiku għat-tieni aggravju. Filfatt l-appellant jistaqsi fejn huwa l-aġir persistenti. Il-Qorti  konsegwentement qed tilqgħu għall-istess raġunijiet u bl-istess limitazzjoni jew kwalifika jekk dan l-aggravju b'xi mod jinpinġi fuq il-prinċipju ta' ne bis in idem.

Dwar il-**ħames aggravju**, il-Qorti mhix ser tidħol f'dan l-aggravju minħabba dak li ntqal qabel dwar it-tieni u t-tielet aggravju.  Biss tiġbed l-attenzjoni għall-kliem użat fis-subartikolu (3) tal-artikolu 251A li huwa ferm ristrett.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' Claude Degiorgio. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.